**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-29 ta' Lulju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju**

**(Kawża C-513/09)** (1)

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/66/KE — Batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)***

(2010/C 246/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Peere u A. Marghelis, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentant: T. Materne, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta jew jikkomunika, fit-terminu previst, il-miżuri kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Settembru 2006, dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (ĠU L 266, p. 1)

**Dispożittiv**

1) *Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Settembru 2006, dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.*

2) *Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 37, 13.02.2010.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-29 ta' Lulju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonja**

**(Kawża C-515/09)** (1)

***("Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/21/KE — Immaniġġar tal-iskart mill-industriji ta' estrazzjoni — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst")***

(2010/C 246/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Marghelis u K. Saaremäel-Stoilov, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Estonja (rappreżentant: L. Uibo, aġent)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 102, p. 15)

**Dispożittiv**

1) *Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE, ir-Repubblika tal-Estonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.*

2) *Ir-Repubblika tal-Estonja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 63, 13.03.2010

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-29 ta' Lulju 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju**

**(Kawża C-6/10)** (1)

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/46/KE — Dritt tal-kumpanniji — Kontijiet annwali u kontijiet konsolidati tal-kumpanniji — Nuqqas ta' traspożizzjoni jew ta' komunikazzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni)***

(2010/C 246/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Braun u L. de Schietere de Lophem, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: M. Jacobs u J.-C. Halleux, aġenti)